



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

27 ta' Settembru 2012*

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-ħġieġ ċatt fiż-ŻEE — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81KE — Iffissar tal-prezzijiet — Prova tal-ksur — Kalkolu tal-ammont tal-multi — Esklużjoni ta' “captive sales” [bejgħ minn fornituri lil konsumaturi li huma fil-proprietà sħiħa jew parzjali tal-imsemmija fornituri] — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament — Ċirkustanzi attenwanti”

Fil-Kawża T-82/08,

Guardian Industries Corp., stabbilita f'Dover, Delaware (l-Istati Uniti),

Guardian Europe Sàrl, stabbilita f'Dudelange (il-Lussemburgu),

irrappreżentati minn S. Völcker, F. Louis, A. Vallery, C. Eggers u H.-G. Kamann, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Castillo de la Torre u R. Sauer, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5791 finali, tat-28 ta' Novembru 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39165 – Ħġieġ ċatt), sa fejn tikkonċerna r-rikorrenti, u t-tnaqqis tal-multa imposta fuqhom permezz tal-imsemmija deċiżjoni,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, N. Wahl u S. Soldevila Fragoso (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Frar 2012,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Ir-rikorrenti, Guardian Industries Corp. u Guardian Europe Sàrl jagħmlu parti mill-grupp Guardian, attiv fil-produzzjoni ta' ħġieġ ċatt u ta' ħġieġ tal-karozzi. Guardian Industries hija l-kumpannija li tinsab fras il-grupp Guardian u indirettament għandha sehem ta' 100% mill-kapital ta' Guardian Europe.
- 2 Fit-22 u t-23 ta' Frar 2005 u fil-15 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet spezzjonijiet għal għarrieda, b'mod partikolari fil-bini ta' Guardian Flachglas GmbH, Guardian Europe u Guardian Luxguard I SA.
- 3 Fit-2 ta' Marzu 2005, Asahi Glass Co. Ltd u s-sussidjarji tagħha kollha, inkluża Glaverbel SA/NV, li sussegwentement saret AGC Flat Glass Europe SA/NV (iktar 'il quddiem "Glaverbel"), ippreżentaw talba sabiex jingħataw immunità mill-multa jew, jekk ikun il-każ, tnaqqis tal-multa skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2002 dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom f'kawżi li jirrigwardaw akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3).
- 4 Fit-3 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni bdiet proċeduri skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) u informa b'dan lill-partijiet fis-6 ta' Marzu 2006.
- 5 Fl-10 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni baġtet talbiet għal informazzjoni lil diversi kumpanniji, fosthom lir-rikorrenti. Guardian Europe wieġbet għal din it-talba fl-10 ta' Marzu 2006.
- 6 Fid-9 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet mibgħuta fit-13 u fl-14 ta' Marzu 2007 lil diversi kumpanniji, fosthom lir-rikorrenti.
- 7 Fit-28 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2007) 5791 finali, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39165 – Ħġieġ ċatt, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), li sommarju tagħha ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-24 ta' Mejju 2008 (ĠU C 127, p. 9) u li ġiet innotifikata lir-rikorrenti fit-3 ta' Diċembru 2007.
- 8 Id-deċiżjoni kkontestata ntbagħtet ukoll lil Asahi Glass, lil Glaverbel, kif ukoll lil Pilkington Deutschland AG, lil Pilkington Group Ltd, lil Pilkington Holding GmbH (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Pilkington"), lil Compagnie de Saint-Gobain SA u lil Saint-Gobain Glass France SA (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Saint-Gobain").
- 9 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li l-kumpanniji destinatari tagħha kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 81(1) KE, li nfirex għat-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li jikkonsisti minn iffissar ta' żidiet fil-prezzijiet, minn prezzijiet minimi, minn miri ta' prezzijiet, minn iffriżar ta' prezzijiet u minn kundizzjonijiet kummerċjali oħra għall-bejgħ lil klijenti indipendenti ta' erba' kategoriji ta' prodotti ta' ħġieġ ċatt użati fis-settur tal-kostruzzjoni, jiġifieri l-ħġieġ tat-tip float glass, il-ħġieġ ta' effiċjenza għolja tal-enerġija, il-ħġieġ laminat u l-mirja mhux ipproċessati, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva.
- 10 Ir-rikorrenti instabu ħatja tal-ksur għall-perijodu mill-20 ta' April 2004 sat-22 ta' Frar 2005 u ġiet imposta fuqhom *in solidum* multa ta' EUR 148 miljun.

Proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Frar 2008, ir-rikorreni ppreżentaw dan ir-rikors.
- 12 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet. Il-partijiet wiegħbu għal dawn il-mistoqsijiet fit-terminu mogħti.
- 13 Fit-8 ta' Frar 2012, ir-rikorreni bagħtu li l-Qorti Ġenerali tabella relatata mal-metodi ta' kalkolu tal-multa li għiet imposta fuqhom. Fl-10 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni ppreżentat osservazzjonijiet fuq dan id-dokument, li ntbagħtu lir-rikorreni fl-istess jum.
- 14 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tat-13 ta' Frar 2011.
- 15 Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
 - tannulla parzjalment l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata;
 - tnaqqas l-ammont tal-multa imposta;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 16 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
 - tiċħad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorreni għall-ispejjeż.

Id-dritt

- 17 Insostenn tat-talbiet tagħhom għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorreni jressqu motiv wieħed, ibbażat fuq żbalji ta' fatt dwar it-tul tal-parteciċipazzjoni tagħhom fl-akkordju u dwar id-dimensjoni ġeografika tal-akkordju. Insostenn tat-talbiet tagħhom sabiex jitnaqqas l-ammont tal-multa, ir-rikorreni jqajmu tliet motivi bbażati, l-ewwel nett, fuq il-ħtieġa li jitnaqqas l-ammont tal-multa tagħhom bħala konsegwenza tal-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, it-tieni nett, fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni dwar il-kalkolu tal-multa, u t-tielet nett, fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-rwol limitat ħafna u passiv li kellhom fil-ksur u l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- 18 Matul is-seduta, il-partijiet barra minn hekk ikkontestaw l-ammissibbiltà ta' ċertu numru ta' dokumenti.

Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti dokumenti u ta' riferimenti li saru għal dokumenti

Fuq l-ammissibbiltà tal-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2012

- 19 Fis-seduta, ir-rikorreni kkontestaw l-ammissibbiltà tal-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2012 peress li din l-ittra għandha ċifri li qatt ma għew ikkomunikati lilhom qabel.

- 20 Il-Kummissjoni tikkunsidra li din l-ittra, li tikkostitwixxi żieda mat-tweġiba tagħha tat-23 ta' Jannar 2012 għall-mistoqsijiet mibgħuta lilha mill-Qorti Ġenerali, hija ammissibbli.
- 21 Għandu jiġi nnotat li din l-ittra waslet fil-Qorti Ġenerali barra t-terminu mogħti mill-Kummissjoni, iżda madankollu hija kienet għadha ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti fl-10 ta' Frar 2012. Din l-ittra tinkludi osservazzjonijiet fuq dokument ippreżentat mir-rikorrenti fit-8 ta' Frar 2012, kif ukoll żieda għat-tweġiba tal-Kummissjoni għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali bħala tweġiba qabel is-seduta relatata mal-metodu tal-kalkolu tal-ammont tal-multa proposta mir-rikorrenti fil-każ ta' esklużjoni tal-captive sales [bejgħ minn fornituri lil konsumaturi li huma fil-proprietà sħiħa jew parzjali tal-imsemmija fornituri]. B'hekk il-Kummissjoni ppreċiżat, minn naħa, li ċ-ċifri li jinsabu fit-tabella Nru 1 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma kinux jikkonċernaw biss il-bejgħ intern, iżda wkoll il-bejgħ ta' ċerti kategoriji ta' ħġieġ li finalment ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, il-proporzjon bejn il-bejgħ totali tal-membri tal-akkordju u l-bejgħ intern tagħhom.
- 22 Fid-dawl tal-kontenut ta' din l-ittra u tal-fatt li hija ntbagħtet lir-rikorrenti, li għaldaqstant setgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar is-suġġett waqt is-seduta, hemm lok li jiġi kkunsidrat li d-dokument inkwistjoni huwa ammissibbli u li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.
- Fuq l-ammissibbiltà ta' riferimenti għal dokumenti li ma ġewx prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali
- 23 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni kkontestat l-ammissibbiltà ta' ċerti riferimenti magħmula mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħhom għal dokumenti li ma kinux prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali minħabba li dawn id-dokumenti ma kinux parti mill-proċess tal-Qorti Ġenerali. Hija ċċarat li dan huwa b'mod partikolari l-każ tat-tweġiba tar-rikorrenti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.
- 24 L-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura, dwar l-elementi li għandu jkun fih rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, jipprovdi li dan għandu jkollu "jekk ikun il-każ, in-natura tal-provi li jkun ser iressaq". Bl-istess mod, skont l-Artikolu 46(1) tal-istess regolament, ir-risposta għandha jkollha l-provi li jkunu ser jitressqu. Dawn id-dispożizzjonijiet huma kkompletati mill-Artikolu 48(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprovdi li l-partijiet jistgħu jippreżentaw provi ulterjuri li jsostnu l-argumenti tagħhom fir-replika u fil-kontrareplika.
- 25 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-preżentazzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża hija pprojbita, sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura.
- 26 Madankollu, f'din il-kawża, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti la kellhom l-intenzjoni li jipproduċi provi ġodda, lanqas li jqajmu motiv ġdid wara l-għeluq tal-proċedura bil-miktub u huma invokaw biss, waqt il-proċedura orali, ċerti argumenti bbażati fuq dokumenti li ma ġewx ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali. Għandha għaldaqstant tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u li jiġi kkunsidrat li għall-kuntrarju hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa l-argumenti mressqa mir-rikorrenti matul is-seduta skont il-provi li jinsabu fil-proċess.
- 27 Barra minn hekk, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, hemm lok li tiġi eżaminata l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-rikorrenti matul is-seduta, relatata għar-riferimenti magħmula mill-Kummissjoni fid-difiża u fir-risposta tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, u t-tweġiba ta' Pilkington għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, wara li jiġu eżaminati l-motivi kollha mqajma mir-rikorrenti.

Fuq it-talbiet għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata

- 28 Ir-rikorrenti qajmu motiv wieħed insostenn tat-talbiet tagħhom għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażat fuq żbalji ta' fatt relatati mal-parteciċipazzjoni tagħhom fl-akkordju u mad-dimensjoni ġeografika tal-akkordju.
- 29 Ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li naqset milli tistabbilixxi, minn naħa, li huma kienu ngħaqdu mal-akkordju qabel il-11 ta' Frar 2005 u, min-naħa l-oħra, li dan kien mifrux fit-territorju kollu taż-ŻEE. Il-provi prodotti mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward b'hekk huma ambigwi u kontradittorji u jistrieħu fuq xhieda suġġettivi, vagi u mhux korroborati, kif ukoll fuq suppożizzjonijiet ibbażati fuq avvenimenti sussegwenti.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tat-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur

- 30 Il-Kummissjoni rrikonoxxiet lir-rikorrenti ħatja tal-ksur għall-perijodu mill-20 ta' April 2004 sat-22 ta' Frar 2005, billi bbażat ruħha fuq diversi provi, jiġifieri dokumenti maqbuda waqt l-ispezzjonijiet, parzjalment ikkorroborati minn dikjarazzjonijiet orali u minn dokumenti pprovduti minn Glaverbel fil-kuntest ta' talba għal klemenza, kif ukoll fuq it-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' informazzjoni minn impriżi diversi. Il-Kummissjoni b'hekk ikkunsidrat li r-rikorrenti kienu bdew jipparteċipaw fil-prattiki kollużivi sa mil-laqgħa tal-20 ta' April 2004 li saret fil-Ġermanja bejn ir-rappreżentant tagħhom u dak ta' Pilkington, li matulha din tal-aħħar informatha bil-prattiki kollużivi deċiżi bejn Saint-Gobain u Glaverbel. Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Kummissjoni b'mod partikolari bbażat ruħha fuq żewġ paġni ta' noti miktuba bl-idejn maqbuda fil-bini ta' Pilkington waqt verifiki għal għarrieda (premessi 155 sa 188 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti kienu komplew jipparteċipaw fil-prattiki kollużivi meta rċevew, fil-15 ta' Ġunju 2004, telefonata mingħand Pilkington li informathom bil-ftehim konkluż fuq is-suq Taljan, li huma kienu approvaw (premessi 189 sa 196 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni, barra minn hekk, ikkunsidrat li r-rikorrenti kienu pparteċipaw ma' Glaverbel, Pilkington u Saint-Gobain (iktar 'il quddiem it-"tliet membri l-oħra tal-akkordju") għal laqgħa fil-Lussemburgu fit-2 ta' Diċembru 2004, li matulha ttieħdu deċiżjonijiet relatati ma' żidiet fil-prezzijiet, ma' prezzijiet minimi u ma' kundizzjonijiet kummerċjali oħra rigward il-bejgħ ta' prodotti ta' ħġieġ ċatt f'diversi pajjiżi fl-Ewropa, billi bbażat ruħha fuq noti miktuba bl-idejn maqbuda fil-bini ta' Pilkington waqt verifiki għal għarrieda kif ukoll fuq siltiet minn djarji (premessi 197 sa 264 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti u t-tliet membri l-oħra tal-akkordju kienu ltaqgħu fil-11 ta' Frar 2005 f'Pariġi (Franza) sabiex jiftiehmudwar żidiet fil-prezzijiet u dwar kundizzjonijiet kummerċjali oħra relatati mal-bejgħ ta' prodotti ta' ħġieġ ċatt f'diversi pajjiżi tal-Komunità Ewropeja u skambjaw informazzjoni kummerċjali sensittiva (premessi 265 sa 296 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 31 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li ma pparteċipawx fl-akkordju qabel il-11 ta' Frar 2005. Huma jikkontestaw b'hekk li l-laqgħat tal-20 ta' April u tat-2 ta' Diċembru 2004 u t-telefonata tal-15 ta' Ġunju 2004 setgħu jikkostitwixxu indizji li jistabbilixxu l-parteciċipazzjoni tagħhom fl-akkordju. Huma jiddikkjaraw li dawn il-kuntatti setgħu jikkostitwixxu "fażi ta' prova" għat-tliet membri l-oħra tal-akkordju, qabel ma ttipprova tistedinhom għal laqgħa reali magħha. Ir-rikorrenti jirikonoxxu madankollu li pparteċipaw fil-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005.
- 32 Qabel kollox għandu jtfakkar li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-ġurisprudenza, l-oneru tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 81(1)KE jinsab fuq l-awtorità li tallega, peress li din hija obbligata li tistabbilixxi l-provi xierqa sabiex turi, suffiċjentement skont il-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 58, u tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punt 86). Barra minn hekk, jekk il-ġudikant ikollu xi dubju, dan għandu jkun ta' vantaġġ għall-impriża destinatarija tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 1978, United

Brands u *United Brands Contineental vs Il-Kummissjoni*, 27/76, Ġabra p. 207, punt 265), u skont il-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza, il-ġudikant ma jistax għalhekk jikkonkludi li l-Kummissjoni wriet l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni b'mod suffiċjenti skont il-liġi jekk huwa jkollu xi dubju fuq il-kwistjoni, b'mod partikolari fl-ambitu ta' rikors għall-annullament ta' deċiżjoni li timponi multa (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, *JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni*, punt 68, T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, Ġabra p. II-2501, punt 177). B'hekk huwa meħtieġ li l-Kummissjoni għib provi preċiżi u konkordanti sabiex tibbaża l-konvinzjoni ferma li l-ksur kien twettaq. Madankollu kull prova prodotta mill-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur. Huwa biżżejjed li l-kumpless ta' indizji invokati mill-istituzzjoni, meta apprezzat b'mod globali, jissodisfa dan ir-rekwiżit (sentenza *JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 179 u 180).

- 33 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat, huwa normali li l-attivitajiet relatati mal-prattiki u mal-akkordji antikompetittivi jsiru bil-moħbi, li l-laqgħat isiru bil-moħbi, u li d-dokumentazzjoni relatata magħhom tkun imnaqqsa kemm jista' jkun. Minn dan isegwi li, anki jekk il-Kummissjoni tiskopri dokumenti li juru b'mod espliċitu li kien hemm kuntatt illegali bejn operaturi, normalment dawn ikunu biss frammentarji u skarsi, b'tali mod li ta' spiss ikun neċessarju li ċerti dettalji jiġu stabbiliti permezz ta' deduzzjonijiet. Għaldaqstant, fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-eżistenza ta' Prattika jew ta' akkordju antikompetittiv għandha tiġi dedotta minn ċertu numru ta' koinċidenzi u indizji, li, ikkunsidrati flimkien, jistgħu jikkostitwixxu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni oħra koerenti, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, *Aalborg Portland et vs Il-Kummissjoni*, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punti 55 sa 57, u tal-25 ta' Jannar 2007, *Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni*, C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabra p. I-729).
- 34 Meta deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun ibbażata unikament fuq is-suppożizzjoni li l-fatti stabbiliti ma jkunux jistgħu jiġu spjegati jekk mhux minħabba azzjoni miftiehma bejn l-impriżi, huwa biżżejjed li r-rikorrenti jistabbilixxu ċirkustanzi li jagħtu spjegazzjoni differenti għall-fatti stabbiliti mill-Kummissjoni u li jippermettu għalhekk li jissostitwixxu spjegazzjoni oħra plawżibbli tal-fatti għal dik ikkunsidrata mill-Kummissjoni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 1984, *Compagnie royale asturienne des mines u Rheinzink vs Il-Kummissjoni*, 29/83 u 30/83, Ġabra p. 1679, punt 16, u sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' April 1999, *Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni*, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabra p. II-931, punt 725).
- 35 Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza għustament li din il-ġurisprudenza ma hijiex applikabbli meta l-konstatazzjonijiet tagħha huma bbażati fuq provi dokumentarji (sentenzi tal-Qorti Ġenerali *Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni*, punt 34 iktar 'il fuq, punti 725 sa 727 ; *JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni*, punt 32 iktar 'il fuq, punti 186 u 187, u tat-12 ta' Settembru 2007, *Coats Holdings u Coats vs Il-Kummissjoni*, T-36/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 72).
- 36 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti li skonthom huma ma pparteċipawx fil-ksur qabel il-11 ta' Frar 2005

– Fuq il-laqgħa tal-20 ta' April 2004

- 37 Ir-rikorrenti qabel kollox jikkontestaw l-għan antikompetittiv tal-laqgħa tal-20 ta' April 2004 u l-valur probatorju tan-noti ta' B., impjegat ta' Pilkington li pparticipa fl-imsemmija laqgħa. Minn naħa, huma jsostnu, b'hekk li l-laqgħa tal-20 ta' April 2004 bejn F., impjegat ta' Guardian Europe, u B. ma kellhiex għan antikompetittiv, kuntrarjament għal-laqgħat sigrieti miżmuma mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju fid-9 ta' Jannar, it-2 ta' Marzu, u l-15 ta' Ġunju 2004 u l-11 ta' Frar 2005. Huma jindikaw li din il-laqgħa seħħet f'ristorant pubbliku, li kellha bħala għan suġġetti ta' interess komuni u li F. talbet ir-rimbors tal-kont dwar l-ikla. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tan-noti ta' B. relatati ma' din l-ikla u li

fughom ibbażat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, huma jiddikjaraw li dawn ma sarux fl-istess ħin ta' din l-ikla u li huma ma jikkostitwixxux il-minuti ta' din tal-aħħar, peress illi jinkludu riflessjonijiet personali. Barra minn hekk, il-kontenut tagħhom għandu jiġi interpretat b'kawtela, peress li huma miktuba bl-Ingliż minn persuna li ma titkellimx bl-Ingliż u mingħajr esperjenza, liema persuna setgħet ikkommettiet żbalji meta rriproduċiet il-proposti li saru matul l-ikla.

- 38 Għandhom jiġu eżaminati, fl-ewwel lok, in-noti ta' B. relatati dwar il-laqgħa tal-20 ta' April 2004 u, fit-tieni lok, l-għan antikompettitiv tal-imsemmija laqgħa.
- 39 Fir-rigward in-noti ta' B., ir-rikorrenti jikkontestaw, l-ewwel nett, li huma saru fl-istess ħin ta' din il-laqgħa, sa fejn F. ma jiftakarx li ra B. jieħdu noti waqt l-ikla. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-titolu, "Minuti tal-laqgħa", u d-data, "20/04/2004", tal-imsemmija noti huma indizju tali li jikkonferma l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li skontha dawn jikkostitwixxu l-minuti tad-diskussjonijiet li saru bejn F. u B. fl-20 ta' April 2004 u saru fl-istess ħin tal-imsemmija laqgħa (premissa 157 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-livell ta' dettall u l-formulazzjoni ta' dawn in-noti jikkonfermaw ukoll din l-evalwazzjoni u jikkontradixxu l-ipoteżi mressqa mir-rikorrenti li skontha huma kienu miktuba minn B. wara l-imsemmija laqgħa u magħhom żied riflessjonijiet personali. Fil-fatt, jidher ftit probabbli li B. seta' jiftakar l-informazzjoni skambjata matul l-ikla b'tali grad ta' preċiżjoni. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn l-elementi, id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li skontha F. ma jiftakarx jara lil B. jieħu noti matul l-ikla, anki jekk hija fondata, ma hijiex biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li skontha dawn in-noti saru fl-istess ħin tal-laqgħa tal-20 ta' April 2004.
- 40 Ir-rikorrenti jikkontestaw, it-tieni nett, il-valur probatorju tal-imsemmija noti meta jiddikjaraw li huma fihom riflessjonijiet personali ta' B. u li huma kienu nkitbu bl-Ingliż minn persuna li ma jtkellimx bl-Ingliż u li ftit għandu esperjenza. Madankollu r-rikorrenti ma pprovdew ebda prova insostenn ta' dawn id-dikjarazzjonijiet. Huma jirrikonoxxu wkoll huma stess li dawn in-noti huma puliti u organizzati, u dan huwa dak li jikkostitwixxi l-karatteristiċi ta' minuti ta' laqgħa. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, dawn in-noti, imsejħa minn B. bħala "minuti tal-laqgħa", ma għandhomx riflessjonijiet personali ta' B., iżda jindikaw l-eżistenza ta' skambju ta' informazzjoni bejn B. u F. Fil-fatt, l-informazzjoni pprovduta minn B. tinsab fl-ewwel parti (intitolata, pereżempju, għar-Renju Unit, għall-Irlanda u għall-Ġermanja "Żieda fil-prezz miftiehem"), filwaqt li dik provduta minn F. hija mqiegħda wara u tinsab, fil-każ tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tal-Ġermanja, taħt l-intestatura "Informazzjoni". In-noti fihom ukoll l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara dan l-iskambju ta' informazzjoni (pereżempju, għall-Ġermanja, "Guardian għandha tikkonferma l-prezz tal-ħġieġ għal S." u, għall-Italja, "Aħna għandna bżonn nevalwaw il-ġranet ta' stock għand l-aġenti"). Għaldaqstant hemm lok li l-argumenti tar-rikorrenti jiġu kkunsidrati bħala sempliċi koġetturi li ma humiex biżżejjed sabiex jikkontestaw il-valur probatorju tal-imsemmija noti.
- 41 Barra minn hekk, min-noti ta' B. jirriżulta li informazzjoni sensittiva ġiet skambjata matul din il-laqgħa. B'hekk, B. informa lil F. biż-żidiet futuri fil-prezzijiet fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-Ġermanja miftiehma mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju, u F., bħala skambju, ipprovdta informazzjoni dwar il-pożizzjoni tar-rikorrenti fl-imsemmija swieq (premessi 159 sa 167 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 42 Minn dawn in-noti jirriżulta wkoll li B. infurma lil F. b'diskussjonijiet li saru bejn it-tliet membri l-oħra tal-akkordju fuq il-prezzijiet u ż-żidiet possibbli fil-prezzijiet fis-suq Taljan, fejn żieda fil-prezzijiet ma kinitx għadha prevista, u li F. indika li, fl-eventwalità ta' żieda fil-prezzijiet fuq is-suq Taljan, huwa kien jaqbel, kemm li jissospendi l-bejgħ tiegħu fl-imsemmi suq għal perijodu ta' xahrejn, sabiex jippermettu lit-tliet membri l-oħra tal-akkordju sabiex effettivament jgħollu l-prezzijiet inkwistjoni, jew li jgħollu l-prezzijiet fl-istess ħin bħal dawn tal-aħħar tliet xhur wara, li b'hekk jippermetti liċ-ċentru tal-produzzjoni li kien jipprovdta s-suq Taljan li japplika l-imsemmija żieda.
- 43 Madankollu, ir-rikorrenti jallegaw li l-informazzjoni pprovduta minn F. matul din il-laqgħa ma kinitx sensittiva, peress illi kienet jew magħrufa minn Pilkington, jew intenzjonalment falza. In-natura sensittiva tal-informazzjoni pprovduta minn F. lil B. tirriżulta madankollu mill-kontenut stess tagħha.

Din l-informazzjoni tikkonċerna fil-fatt l-istrategġja kummerċjali tar-rikorrenti, li normalment ma tkunx magħrufa mill-kompetituri. Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ ta' informazzjoni relatata mal-operat tal-impjant ta' Goole (ir-Renju Unit), tan-numru tal-klijenti tagħha fir-Renju Unit u fl-Irlanda, jew tal-interess tagħha għall-klijenti żgħar attirati mis-servizz "48 siegħa". Dan jgħodd ukoll għall-informazzjoni relatata mal-prezzijiet applikati lil ċerti klijenti, għall-impressjonijiet relatati mal-interess li ż-żieda fil-prezzijiet fil-Ġermanja tiġi adattata għad-daqs tal-klijenti, jew ukoll tal-aġir li għandu jiġi adottat fl-eventwalità ta' żieda fil-prezzijiet fl-Italja. Barra minn hekk, il-fatt li B. rreġistra din l-informazzjoni fin-noti tiegħu jikkontradixxi d-dikjarazzjoni li skontha din kienet magħrufa mill-kompetituri.

- 44 Fl-aħħar nett, il-fatt li, jekk jiġi preżunt stabbilit, ċerta informazzjoni pprovduta minn F. kellha xi ineżattezzi, bħall-fatt li n-numru ta' kontijiet tal-klijenti kien ta' 130, u mhux ta' 150, jew li l-impjant ta' Goole kien jaħdem b'"kapaċità baxxa" u mhux bl-"inqas kapaċità possibbli" ma għandu l-ebda fuq l-evalwazzjoni tal-valur sinjifikattiv tagħha. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li F. jidher li jsostni fl-affidavit tiegħu tal-10 ta' Mejju 2007, ir-riferiment għas-"suq ta' 135 000 tunnellata" għar-Renju Unit ma jikkostitwixxi informazzjoni żbaljata, iżda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti mill-membri tal-akkordju sabiex iwettqu żieda fil-prezz, jiġifieri l-istima tal-volum ta' ħġieġ ċatt li r-rikorrenti kellhom ibiegħu fir-Renju Unit fl-2004 (premissa 161 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 45 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet ġustament tikkunsidra li skambju ta' informazzjoni senstittiva kien seħħ waqt din il-laqgħa bejn F. u B. rigward ir-Renju Unit, l-Irlanda, il-Ġermanja kif ukoll l-istrategġja tar-rikorrenti fil-każ ta' żieda tal-prezzijiet fl-Italja. Kif issostni l-Kummissjoni, dan l-iskambju ta' informazzjoni jikkostitwixxi, għall-inqas, prattika miftiehma. Hemm lok fil-fatt li jifakkur li tikkostitwixxi prattika miftiehma pprojbita mill-Artikolu 81(1) KE kull kuntatt dirett jew indirett bejn operaturi ekonomiċi li permezz tiegħu jista' jiżvela lil kompetitur l-aġir li l-operatur ekonomiku kkonċernat iddeċieda, jew iddelibera, li għandu jieħu fis-suq, meta dan il-kuntatt ikollu bħala għan jew bħala effett li jwassal għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li ma jkunux dawk normali tas-suq inkwistjoni (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 32 iktar 'il fuq, punt 117, u tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni, C-199/92 P, Ġabra p. I-4287 punt 160; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et vs* Il-Kummissjoni, imsejħa "Ciments", T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, Ġabra p. II-491, punt 1852). Din il-forma ta' koordinazzjoni bejn impriżi tissostitwixxi b'mod konsapevoli l-kooperazzjoni prattika bejniethom għar-riskji tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2008, BPB vs Il-Kummissjoni, T-53/03, Ġabra p. II-1333, punt 179, u tat-2 ta' Frar 2012, Denki Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-83/08, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 67). Sabiex tiġi pprovata prattika miftiehma, ma huwiex meħtieġ għaldaqstant li jintwera li l-kompetitur inkwistjoni jkun intrabat formalment, ma' kompetitur wieħed jew iktar, li jadotta dik il-prattika jew dak l-aġir jew li l-kompetituri jkun f'fissaw bejniethom l-aġir futur tagħhom fis-suq. Huwa biżżejjed li, permezz tad-dikjarazzjoni tal-intenzjoni tiegħu, il-kompetitur ikun elimina, jew minn tal-inqas naqqas sostanzjalment, l-inċertezza fir-rigward tal-aġir fis-suq mistenni minnu (sentenzi Ciments, iċċitata iktar 'il fuq, punt 1852 ; BPB vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 182, u Denki Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67).
- 46 Għaldaqstant, l-argumenti li jikkontestaw l-għan antikompetittiv tal-imsemmija laqgħa għandhom jiġu miċħuda bħala infondati. Fil-fatt, fir-rigward tal-kwistjonijiet diskussi waqt il-laqgħa tal-20 ta' April 2004, spjegati fil-punti 41 u 42 iktar 'il fuq, il-fatt li din inżammet waqt ikla, f'ristorant miftuħ għall-pubbliku u li F. talab ir-rimbors tal-kont tal-ikla ma huwiex biżżejjed, kif il-Kummissjoni sostniet, li jikkontesta n-natura antikompetittiva tal-imsemmija laqgħa.
- 47 Ir-rikorrenti jikkunsidraw, barra minn hekk, li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi li huma kienu ssieħbu mal-ftehim matul il-laqgħa tal-20 ta' April 2004. B'hekk hija ma wrietx, kif għaldaqstant tirrikjedi l-ġurisprudenza, li B. kien ikkomunika lil F. dettalji rigward il-laqgħat passati bejn il-tliet

membri l-oħra tal-akkordju, lanqas li F. kien esprima l-intenzjoni tiegħu li jikkontribwixxi, bl-aġir tiegħu stess, bi kwalunkwe mod għall-akkordju. Barra minn hekk, B. ma kienx stieden lil F. sabiex jattendi l-laqgħa sussegwenti tal-akkordju f'Ġunju 2004, iżda biss dik ta' Frar 2005. Il-Kummissjoni ma wrietx li B. kien ippropona li jservu bħala kuntatt fir-rigward ta' xi kompetituri li ma humiex membri tal-grupp Ewropew ta' produttori tal-ħġieġ ċatt (iktar 'il quddiem il-“GEPVP”), assoċjazzjoni li nħolqot fl-1978, maħsuba sabiex jirrappreżenta l-produttori tal-ħġieġ ċatt fl-Ewropa, u magħmul mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju u, mill-1 ta' Lulju 2004, mir-rikorrenti. Fil-fatt, id-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel f'dan ir-rigward ma humiex ikkorroborati minn provi bil-miktub. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża l-konklużjoni tagħha li l-ikla 20 ta' April 2004 kellha natura antikompetittiva fuq il-parteċipazzjoni ta' F. għal-laqgħat sussegwenti ta' Diċembru 2004 u ta' Frar 2005 jew għal-laqgħat tal-GEPVP.

- 48 Skont il-ġurisprudenza, meta tkun kwistjoni ta' ftehim u ta' Prattiki miftiehma li għandhom għan antikompetittiv, il-Kummissjoni għandha, sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' impriżi fihom, tipprova li l-impriża kellha l-intenzjoni li permezz tal-aġir tagħha stess tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni tal-parteċipanti kollha u li hija kienet taf bl-aġir materjali maħsub jew implementat minn impriżi oħra fit-tfittxija tal-istess għanijiet, jew li hija setgħet b'mod raġonevoli tipprevedihom u li hija kienet lesta li taċċetta r-riskju tagħhom (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 32 iktar 'il fuq, punt 87).
- 49 F'din il-kawża, min-noti ta' B. relatati mal-laqgħa tal-20 ta' April 2004 jirriżulta, minn naħa waħda, li, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta lil F. matul il-laqgħa, ir-rikorrenti kienu mgħarrfa bl-aġir antikompetittiv maħsub mit-tliet membri tal-akkordju u, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta bħala skambju lil B., huma kellhom l-intenzjoni li jikkontribwixxu, għan-nom tagħhom u permezz tal-aġir tagħhom stess, għall-għanijiet komuni tal-akkordju. Fil-fatt, minkejja li r-rikorrenti kienu, bħalma jsostnu huma stess, kompetitur aggressiv fis-suq, l-informazzjoni pprovduta minn F. fil-kuntest ta' din il-laqgħa ppermettew lit-tliet membri l-oħra tal-akkordju li jkunu jafu l-pożizzjoni tagħhom fis-swieq tar-Renju Unit, tal-Irlanda u tal-Ġermanja, li fuqhom huma pplanaw li jimplementaw il-ftehim relatat maż-żidiet fil-prezz miftiehem waqt il-laqgħat preċedenti, kif ukoll sabiex jifirxuh għas-suq Taljan bl-assigurazzjoni tal-kooperazzjoni tar-rikorrenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li n-noti ta' B. ma ssemmewx li huwa kkomunika lil F. informazzjoni relatata mal-ftehim ta' żieda fil-prezz rigward il-Benelux jew il-previżjonijiet ta' żidiet fil-prezz f'pajjiżi oħra, b'mod partikolari fi Franza u fil-Polonja, adottati matul il-laqgħa tat-2 ta' Marzu 2004, huwa irrilevanti sabiex jiġi stabbilit il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-akkordju.
- 50 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, u skont il-ġurisprudenza ċitata fil-punti 45 u 48 ta' iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni stabbiliet il-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkordju sa mil-laqgħa tal-20 ta' April 2004.
- 51 L-argument tar-rikorrenti li skontu min-noti meħuda minn B. ma jirriżultax li huwa kien informa lil F. bl-eżistenza u bil-kontenut tal-laqgħat tal-akkordju, u b'mod partikolari l-iktar waħda reċenti, tat-2 ta' Marzu 2004, ma jistax jaffettwa l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti laħqux ftehim matul il-laqgħa tal-20 ta' April 2004. Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 41 iktar 'il fuq, b'mod partikolari min-noti ta' B., jirriżulta li dan tal-aħħar ikkomunika lil F. bl-eżistenza ta' ftehim fuq il-prezzijiet għar-Renju Unit, għall-Irlanda u għall-Ġermanja kif ukoll it-termini għall-implementazzjoni tiegħu (“gimagnetjn wara” għar-Renju Unit u għall-Irlanda u “l-1 ta' Mejju - 15 ta' Mejju - l-1 ta' Ġunju klienti bl-ingrossa”, għall-Ġermanja). B'hekk, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Pilkington ħabbret żieda fil-prezzijiet fir-Renju Unit u fl-Irlanda fid-29 ta' April 2004, avviż li kien segwit minn avviżi ta' Saint-Gobain u ta' Glaverbel, rispettivament fil-11 u fit-18 ta' Mejju 2004 (premissa 159 tad-deċiżjoni kkontestata, nota ta' qiegħ il-paġna Nru 193). Rigward il-Ġermanja, l-ewwel avviż ta' żieda fil-prezzijiet sar minn Saint-Gobain fil-25 ta' Mejju 2004, li kien segwit mill-avviżi ta' Pilkington u ta' Glaverbel fil-bidu ta' Ġunju 2004 (premissa 163 tad-deċiżjoni kkontestata, nota ta' qiegħ il-paġna Nru 201). B'hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, dawn tal-aħħar kellhom għarfien preċiż biżżejjed

tal-aġir maħsub mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju sabiex isegwu l-għanijiet antikompetittivi tagħhom. Minkejja dawn iċ-ċirkustanzi, F. ma ħasibhiex darbtejn sabiex jipprovdi informazzjoni li tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-ftehim, bħal dik relatata ma' żieda eventwali fil-prezz fl-Italja.

- 52 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti, li skontu min-noti meħuda minn B. ma jirriżultax li huwa kien stieden lil F. sabiex jattendu l-laqqgħa li jmiss tal-akkordju, hemm lok li dan jiġi miċħud bħala irrilevanti. Il-Kummissjoni fil-fatt stabbiliet minn provi oħrajn il-parteċipazzjoni diretta jew indiretta tar-rikorrenti għal-laqqgħat kollha sussegwenti tal-akkordju sa minn din id-data (ara l-punti 63 u 69 sa 71 iktar 'il quddiem). B'hekk, matul il-laqqgħa tal-15 ta' Ġunju 2004 bejn it-tliet membri l-oħra tal-akkordju, B. ċempel lil F., li kien fuq vaganza, sabiex jikkonferma informazzjoni li dan tal-aħħar kien ikkomunikalu matul il-laqqgħa tal-20 ta' April 2004 dwar l-Italja (premessa 196 tad-deċiżjoni kkontestata). Fir-rigward tal-laqqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004, din kienet organizzata minn F. nnifisu u saret fil-Lussemburgu, lejlet il-laqqgħa tal-GEPVP, li għaliha attendew biss erba' rappreżentanti tal-membri tal-akkordju (premessi 199, 201 sa 204 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-aħħar nett, kif huma jirrikonoxxu, ir-rikorrenti pparteċipaw fil-laqqgħa tal-11 ta' Frar 2005, li huma kienu mistiedna għaliha minn B.
- 53 Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti, li skonthom min-noti meħuda minn B. la jirriżulta x'kienet ir-reazzjoni ta' F. dwar il-proposti ta' B. u lanqas li huwa kien wiegħed li jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet, hemm lok ukoll li jiġu miċħuda bħala irrilevanti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 49 iktar 'il fuq, fid-dawl tal-iskambju ta' informazzjoni li seħħ bejn B. u F. fil-laqqgħa tal-20 ta' April 2004, ir-rikorrenti kienu mgħarrfa bl-aġir antikompetittiv maħsub mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju u kellhom l-intenzjoni li jikkontribwixxu, permezz tal-aġir tagħhom stess, għall-għanijiet komuni tal-akkordju, u dan, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 48 iktar 'il fuq, huwa biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-akkordju.
- 54 Dwar ir-rwol ta' intermedjarju ta' B., dan jirriżulta mill-minuti tal-laqqgħa tal-20 ta' April 2004 u huwa kkonfermat mid-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel tat-8 ta' Marzu u tat-23 ta' Diċembru 2005, bl-ewwel dikjarazzjoni tkun qabel l-iskoperta mill-Kummissjoni tan-noti ta' B. (premessi 80 u 160 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel kienu saru fil-kuntest ta' talba għal klemenza ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tużahom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, punt 32 *supra*, punt 192). Anki jekk, kif isostnu r-rikorrenti, dawn id-dikjarazzjonijiet ma jmorrux direttament kontra l-interessi ta' Glaverbel, din tal-aħħar ma għandha ebda interess sabiex tipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni żbaljata dwar il-membri l-oħra tal-akkordju. Fil-fatt, kull tentattiv sabiex il-Kummissjoni tiġi żgwidata fil-kuntest ta' talba għal klemenza jista' jikkontesta s-sinċerità u l-firxa tal-kooperazzjoni tal-persuna li qed tagħmel din l-imsemmija talba, u, għaldaqstant, tiġi pperikolata l-possibbiltà għal din l-istess persuna li tiegħu vantaġġ sħiħ mill-komunikazzjoni fuq il-klemenza (sentenza tas-16 ta' Novembru 2006, *Peróxidos Orgánicos vs* Il-Kummissjoni, T-120/04, Ġabra p. II-4441, punt 70). Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-valur probatorju tad-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel dwar ir-rwol ta' intermedjarju ta' B. għandhom jiġu miċħuda.
- 55 Dwar l-argument tar-rikorrenti li skontu l-fatt li l-Kummissjoni tinvoka l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqqgħat ulterjuri tal-akkordju f'Diċembru 2004 u fi Frar 2005 jew tal-GEPVP sabiex tiġi stabbilita n-natura antikompetittiva tal-laqqgħa tal-20 ta' April 2004 imur kontra l-preżunzjoni ta' innoċenza, għandu jiġi indikat li l-ġurisprudenza ma tipprekludix lill-Kummissjoni milli tibbaża ruħha fuq ċirkustanzi fattwali li seħħew wara aġir antikompetittiv sabiex tikkonferma l-kontenut ta' element oġġettiv ta' prova, bħan-noti meħuda minn B. waqt l-imsemmija laqqgħa. Għall-kuntrarju, il-ġurisprudenza invokata mir-rikorrenti tipprekludi li jintużaw provi dwar perijodu preċedenti, li matulhom l-aġir inkwistjoni kien legali, sabiex tiġi stabbilita n-natura antikompetittiva ta' aġir sussegwenti, li ma huwiex il-każ f'din il-kawża (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, *Solvay vs* Il-Kummissjoni, T-30/91, Ġabra p. II-1775, punt 73, u *ICI vs* Il-Kummissjoni, T-36/91, Ġabra p. II-1847, punt 83). Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala nieqes minn kull bażi.

- 56 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jikkontestaw id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li skontha B. kien iltaqa' ma' F. sabiex jinformat dwar il-ftehim tripartitiċi dwar iż-żidiet fil-prezz fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-Ġermanja jew li jiġi ddeterminat l-attitudni tagħhom fl-eventwalità ta' żieda fil-prezzijiet fl-Italja, kif ukoll l-eżistenza stess ta' ftehim dwar prezzijiet fil-Ġermanja. Barra minn hekk, huma jippreċiżaw li, skont il-ġurisprudenza, is-sempliċi fatt li jkun infurmat bl-eżistenza ta' laqgħat ta' akkordju ma jammontawx għal ksur.
- 57 Kif diġà ġie indikat fil-punt 45 iktar 'il fuq, f'din il-kawża, F. pparteċipa fi skambju ta' informazzjoni sensitiva ma' B. fir-rigward tar-Renju Unit, tal-Irlanda, tal-Ġermanja u tal-Italja fil-laqgħa tal-20 ta' April 2004. F. mhux biss ma tbeġhedx mill-aġir antikompetittiv li huwa kien ġie informat bih, iżda pprova informazzjoni rigward l-istrateġija kummerċjali tar-rikorrenti fir-Renju Unit, fl-Irlanda u fil-Ġermanja u indika l-aġir li huma ser jadottaw fl-eventwalità ta' żieda fil-prezzijiet fl-Italja (ara l-punti 41 sa 44 iktar 'il fuq), sabiex b'hekk titnaqqas b'mod sostanzjali l-inċertezza dwar l-aġir mistenni minnhom fis-suq (ara l-punt 45 iktar 'il fuq). Konsegwentement, l-argumenti tar-rikorrenti, li skonthom min-noti ta' B. ma jirriżultax li F. daħal f'impenji dwar il-politika futura tagħhom tal-prezzijiet fir-Renju Unit jew li esprima xi tip ta' sostenn għal żieda fil-prezz, huma irrilevanti. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li huma kienu mgħarrfa bl-eżistenza ta' laqgħat ta' akkordju jista' jikkostitwixxi ksur jekk, bi skambju, informazzjoni hija pprovduta sabiex tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni tal-akkordju (ara l-punti 48 u 49 iktar 'il fuq). Fl-aħħar nett, il-fatti sussegwenti juru li, wara din il-laqgħa, ir-rikorrenti segwew l-aġir tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju. Fil-fatt, minn dokument intern tar-rikorrenti jirriżulta li, wara żieda fil-prezz tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju fir-Renju Unit u fl-Irlanda, dawn tal-aħħar ukoll żiedu l-prezzijiet (premissa 159 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 58 Fir-rigward tal-argument li skontu l-Kummissjoni ma stabbilietx l-eżistenza ta' ftehim waqt il-laqgħa tal-akkordju tat-2 ta' Marzu 2004 rigward iż-żieda fil-prezzijiet għall-Ġermanja, hemm lok li dan jiġi mwarrab bħala irrilevanti. Fil-fatt, min-noti ta' B. jirriżulta li huwa informa lil F. bl-eżistenza u bil-kontenut tal-imsemmi ftehim, peress li d-data tal-adozzjoni tagħha mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju ma hijiex rilevanti, u li F, għaldaqstant kien mgħarraf bih. Barra minn hekk, bi skambju, F. pprova lil B. informazzjoni relatata mas-sistema ta' prezzijiet doppji applikata għal S., klient komuni tar-rikorrenti u għal Pilkington, u kellu jinfurmah bil-prezz tal-bejgħ effettivament mitlub lil dan il-klijent. F. ukoll ippropona firxa ta' żidiet fil-prezzijiet. Barra minn hekk, fatti sussegwenti kkonfermaw l-eżistenza tal-imsemmi ftehim. Fil-fatt, kif ġie kkonstatat fil-punt 51 iktar 'il fuq, dan il-ftehim ġie eżegwit mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju f'dati viċini ta' daww imħabbra minn B lil F. waqt il-laqgħa tal-20 ta' April 2004 u indikati fin-noti tiegħu, il-25 ta' Mejju 2004 għal Saint-Gobain, l-4 ta' Ġunju 2004 għal Pilkington u s-7 ta' Ġunju 2004 għal Glaverbel, filwaqt li d-dati previsti kienu, rispettivament, l-1 u l-15 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2004). Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, din id-differenza ma hijiex sinjifikattiva u ma tistax tikkontesta l-eżistenza tal-ftehim jew l-iskambju ta' informazzjoni li seħħ bejn F. u B. f'dan ir-rigward waqt il-laqgħa tal-20 ta' April 2004.
- 59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni gústament kkonkludiet, fil-premessi 171 u 188 tad-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, li B. ltaqa' ma' F. fl-20 ta' April 2004 sabiex jinfurmah bl-eżistenza ta' ftehim bejn il-tliet membri l-oħra tal-akkordju fuq iż-żieda fil-prezzijiet għar-Renju Unit, għall-Irlanda u għall-Ġermanja u, min-naħa l-oħra, li, bi skambju, F. kkomunikalu informazzjoni sensitiva dwar l-istrateġija kummerċjali tar-rikorrenti f'dawn is-swieq. Barra minn hekk, fil-każ tal-Italja, F. żvela li, fil-każ fejn seħħet żieda fil-prezzijiet, ir-rikorrenti ma opponewx għaliha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni gústament kkonkludiet li l-laqgħa tal-20 ta' April 2004 kienet ta' natura antikompetittiva u li r-rikorrenti kienu ssieħbu fl-akkordju sa minn din il-laqgħa (premissa 330 tad-deċiżjoni kkontestata premissa 330 tad-deċiżjoni kkontestata).

– Fuq il-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004

- 60 Il-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti kienu komplew jipparteċipaw fil-prattiki kollużivi meta rċevew, fil-15 ta' Ġunju 2004, telefonata minn Pilkington li informahom bil-ftehim konkluż dwar is-suq Taljan, li huma kienu approvaw (premessi 189 sa 196 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 61 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda prova tal-kontenut tal-konverżazzjoni telefonika bejn B. u F. li saret matul il-laqgħa tal-15 ta' Ġunju 2004 u li din hija bbażata biss fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel magħmula fil-kuntest tat-talba tagħha għal klemenza tagħha sabiex tiddikjara li, matul din il-konverżazzjoni F. kien indika li ma jopponix il-ftehim fuq il-prezzijiet li jirrigwardaw l-Italja. Fir-realtà, F. llimita ruħu li jiddikjara li, peress li ma huwiex attur sinjifikattiv fis-suq Taljan, ir-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li jinfluwenzaw il-prezz tal-imsemmi suq, u b'hekk tenna d-dikjarazzjonijiet magħmula waqt l-ikla tal-20 ta' April 2004. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jikkunsidraw li konverżazzjoni telefonika qasira ma tistax tkun ekwivalenti għal parteċipazzjoni f'laqgħa tal-akkordju li, skont Glaverbel, damet ħames sigħat.
- 62 Qabel kollox, għandu jittfakkar li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 54 iktar 'il fuq, il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel saru fil-kuntest ta' talba għal klemenza nnifsu ma jdgħajjifx fih innifsu l-valur probatorju tagħhom.
- 63 Ir-rikorrenti jirrikonoxxu li B. ċempel lil F. u li dawn tkellmu dwar l-Italja. Glaverbel, min-naħa tagħha, ippreċiżat li B. kien informa lil F. dwar il-ftehim dwar il-prezzijiet adottati matul il-laqgħa u kien ċar għall-parteċipanti kollha fl-imsemmija laqgħa li, fid-dawl tal-proposti ta' F., ir-rikorrenti ma kellhomx l-intenzjoni li jopponu għall-imsemmi ftehim (premissa 189 tad-deċiżjoni kkontestata). Kif issostni l-Kummissjoni, dawn id-dikjarazzjonijiet huma kompatibbli ma' dawk ta' F., li skonthom kien irripeta lil B. dak li kien diġà qal fil-laqgħa tal-20 ta' April 2004, jiġifieri li huwa ma kienx attur sinjifikattiv fis-suq Taljan, li din is-sitwazzjoni ma hijiex ser tinbidel fil-futur qrib u li ma setax jinfluwenza dan is-suq. Għaldaqstant, F. b'hekk ikkonferma lil B. li r-rikorrenti ma kinux ser ifixklu l-ftehim dwar iż-żidiet fil-prezz fis-suq Taljan. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' Saint-Gobain, mhux ikkontestata mir-rikorrenti, tikkonferma l-eżistenza ta' rabta bejnhom u l-ftehim adottat matul il-laqgħa tal-15 ta' Ġunju 2004, sa fejn Saint-Gobain ikkunsidrat li F. kien ipparteċipa fl-imsemmija laqgħa (ara l-premessi 190 u 196 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 64 Il-Kummissjoni ċertament ma pproduċietx prova bil-miktub relatata mal-laqgħa jew mal-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004. Madankollu, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 33 iktar 'il fuq, fil-każijiet fejn il-provi huma frammentarji jew sparsi, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi ċerti dettalji permezz ta' deduzzjonijiet, kif sar f'din il-kawża fid-deċiżjoni kkontestata (premissa 196 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, ir-rikorrenti naqsu milli jipprovdu spjegazzjoni alternattiva konsistenti għall-motiv ta' din it-telefonata, lanqas għall-kontenut tal-konverżazzjoni telefonika bejn B. u F. dwar l-Italja, li huma ma jikkontestawx l-eżistenza tagħhom. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kontenut tal-laqgħa tal-20 ta' April 2004, li tirrigwarda b'mod partikolari l-Italja, u taċ-ċirkustanzi li fihom seħħet din il-konverżazzjoni telefonika, il-fatt li kienet qasira huwa rrilevanti għall-esklużjoni tan-natura antikompetittiva tagħha.
- 65 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament ikkunsidrat, minn naħa, li B. kien ċempel lil F. fil-15 ta' Ġunju 2004 sabiex jinformah bil-ftehim adottat matul il-laqgħa li kienet saret fl-istess jum bejn ir-rappreżentanti tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju u li kien ikkomunikalu l-pożizzjoni tiegħu f'dan ir-rigward u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija komunikazzjoni kienet għaldaqstant ta' natura antikompetittiva.

– Fuq il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004

- 66 Il-Kummissjoni fl-aħħar nett ikkunsidrat li r-rikorrenti kienu pparteċipaw mat-tliet membri l-oħra tal-akkordju għal laqgħa fil-Lussemburgu fit-2 ta' Diċembru 2004, li matulha kienu ttieħdu deċiżjonijiet relatati ma' żidiet fil-prezzijiet, ma' prezzijiet minimi u ma' kundizzjonijiet kummerċjali oħrajn għall-bejgħ ta' prodotti ta' ħġieġ ċatt f'diversi pajjiżi Ewropej, peress li bbażat l-iktar fuq noti bil-miktub maqbuda fil-bini ta' Pilkington waqt verifiki għal għarrieda kif ukoll fuq siltiet minn djarji (premessi 197 sa 264 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 67 Ir-rikorrenti jikkontestaw li din il-laqgħa tista' tiġi kkunsidrata bħala li għandha għan antikompetittiv. Fl-ewwel lok, huma jiddikjaraw b'hekk li kienet ikla li kienet avżata lil numru kbir ta' persuni, li saret fristorant miftuħ għall-pubbliku u li F. talab ir-rimbors tal-kont tal-ikla. Fit-tieni lok, huma jikkunsidraw li l-Kummissjoni ma stabbilietx li din il-laqgħa kienet tat lok għal ftehim fuq żidiet futuri bejn il-membri tal-akkordju li rrikjedha l-parteċipazzjoni tagħhom. Huma b'hekk jiddikjaraw li l-proposti ta' F. f'din l-ikla ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala l-espressjoni tal-qbil tagħhom sabiex jissieħbu mal-akkordju fil-livell taż-ŻEE u li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni relatati ma' dawn in-noti jikkontradixxu d-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel. Fil-fatt, skont din tal-aħħar, ma kinitx kwistjoni ta' żidiet fil-prezz matul l-ikla, peress li r-rikorrenti qatt ma attendew għal laqgħa multilaterali tal-akkordju qabel il-11 ta' Frar 2005, u d-diskussjonijiet li sar waqt l-ikla kienu limitati għal skambju ta' informazzjoni. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jiddikjaraw li l-“iskema ta' żidiet fil-prezz” imsemmija fin-noti ta' B. u l-kummentarji relatati magħhom huma l-espressjoni kemm tal-ideat proprji ta' B., kif ukoll, iktar probabbilment, ta' diskussjoni bilaterali bejn B. u H., impjegat ta' Saint-Gobain, li kienu ġew ippreżentati u, parzjalment, aċċettati waqt il-laqgħa ta' Frar 2005.
- 68 Qabel kollox, għandu jiġi ppreċiżat li n-noti ta' B. huma ta' żewġ tipi. Dawk tal-ewwel tip saru fuq karta bl-intestatura tal-lukanda N. u ta' Pilkington u huma ntitolati “laqgħa GEPVP fil-Lussemburgu u tat-tieni tip ttieħdu fuq karta bl-intestatura ta' Pilkington u huma intitolati “Minuti 2/12/04”. Mid-dikjarazzjonijiet ta' Pilkington, mhux ikkontestati mir-rikorrenti, jirriżulta li l-ewwel noti inkitbu minn B. fit-3 ta' Diċembru 2004 għall-użu personali tiegħu u jikkostitwixxu riflessjonijiet dwar il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004, filwaqt it-tieni noti ttieħdu matul il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004.
- 69 Mill-intestatura ta' dawn it-tieni noti, “Minuti”, mid-data tagħhom, “2/12/2004” u mill-kontenut tagħhom jirriżulta li huma jikkostitwixxu minuti tal-laqgħa li saret f'din id-data. Huma jirriflettu fil-fatt id-diskussjonijiet li saru fost il-parteċipanti dwar il-prezz tal-ħġieġ ċatt f'pajjiżi differenti taż-ŻEE, l-informazzjoni pprovduta minn F. u, taħt l-intestatura “Ftehim Ġenerali” il-ftehim adottati. Din l-evalwazzjoni hija kkonfermata mill-ewwel dikjarazzjonijiet ta' Pilkington, li skonthom dawn il-paġni huma magħmula minn noti li saru fl-istess ħin ta' laqgħa li saret fil-Lussemburgu f'din id-data.
- 70 Dawn in-noti jistabbilixxu wkoll li l-kwistjonijiet imqajma waqt din il-laqgħa u, għaldaqstant, il-laqgħa nnifisha kellhom manifestament natura antikompetittiva. Fil-fatt, huma juru li l-membri tal-akkordju qablu li jżidu l-prezzijiet f'diversi pajjiżi taż-ŻEE u li F. ipprova ċerta informazzjoni sensittiva. Glaverbel ikkonfermat ukoll in-natura antikompetittiva tal-imsemmija laqgħa fid-dikjarazzjoni tagħha tat-8 ta' Marzu 2005, li skontha “waqt din l-ikla, barra d-diskussjonijiet soliti dwar il-prezz, is-sitwazzjoni tal-klijent S. ukoll kienet diskussa fit-tul”.
- 71 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li n-noti ta' B. u d-dikjarazzjonijiet konkordanti ta' Pilkington u ta' Glaverbel jirrigwardaw id-diskussjonijiet li saru waqt l-ikla li jippermettu, minn naħa, li tiġi stabbilita n-natura antikompetittiva tal-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 u, min-naħa l-oħra, fit-tieni lok, li jiġu nnewtralizzati d-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel, invokati mir-rikorrenti, li skonthom ma hemmx kwistjoni ta' żidiet fil-prezzijiet matul din l-ikla. Kif ġie indikat fil-punt 45 iktar 'il fuq, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti tar-rikorrenti li skonthom il-laqgħa kienet saret waqt ikla u F. talab ir-rimbors tal-kont ta' din l-ikla ma humiex biżżejjed sabiex jikkontestaw in-natura antikompetittiva tal-imsemmija laqgħa.

- 72 Ir-rikorrenti jikkontestaw li ftehim ta' prezzijiet ġie adottat matul il-laqgħa u jiddikjaraw, kif barra minn hekk indikat Pilkington fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li kien hemm skambju ta' informazzjoni u mhux ftehim. Madankollu, min-noti ta' B. jirriżulta li, apparti minn dan l-iskambju ta' informazzjoni, il-membri tal-akkordju adottaw ukoll ftehim dwar il-prezzijiet matul din il-laqgħa. B'hekk, għall-Italja, prezzijiet minimi kienu stabbiliti ; għar-Renju Unit, prezz li għandu jiġi mmirat għalih kif ukoll kalendarju u l-proċedura ta' żieda fil-prezzijiet ġew stabbiliti ; għall-Istati Baltiċi, żieda fil-prezz, immexxija mir-rikorrenti, ġiet deċiża ; għall-Polonja, żieda fil-prezz f'Marzu 2005, immexxija mir-rikorrenti, ġiet deċiża ; għal Franza, żieda ta' 10 %, imħabbra mir-rikorrenti, ġiet deċiża ; għall-Benelux, żieda fil-prezz għal Marzu 2005 ġiet deċiża, u fl-aħħar nett, għall-Ġermanja, żieda fil-prezz, immexxija minn Pilkington, ġiet miftiehma. Barra minn hekk, l-aħħar paġna tan-noti ta' B., intitolata "Ftehim ġenerali" tiġbor fil-qosor il-ftehim dwar il-prezz konkluż u msemmi f'dawn in-noti u tkopri parzjalment fuq il-ftehim l-ieħor.
- 73 Barra minn hekk, il-fatt li, kif jiddikjaraw ir-rikorrenti, min-noti meħuda minn B ma jirriżultax li F. ipprova indikazzjonijiet li minnhom tista' tiġi dedotta l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti għall-ftehim konklużi huwa rrilevanti. Skont ġurisprudenza stabbilita, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata pparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehim ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, sabiex tipprova l-parteċipazzjoni tal-imsemmija impriża fl-akkordju. Ladarba l-parteċipazzjoni f'tali laqgħat tkun ġiet stabbilita, hija din l-impriża li għandha tipproduċi indizji li jistgħu jistabbilixxu li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat kienet nieqsa minn kull intenzjoni antikompetittiva, billi turi li hija kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qed tipparteċipa f'dawn il-laqgħat b'għanijiet differenti minn tagħhom (sentenzi Il-Kummissjoni vs Anic Participazioni, punt 32 iktar 'il fuq, punt 96, u Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, punt 81). Kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat fil-punt 82 tas-sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 33 iktar 'il fuq, ir-raġuni wara dan il-prinċipju ta' dritt hija li, peress li pparteċipat fl-imsemmija laqgħa mingħajr ma ddiżassoċjat ruħha pubblikament mill-kontenut tagħha, l-impriża tat x'tifhem lill-parteċipanti l-oħra li hija kienet qed taqbel ma' dak li ġie deċiż fiha u li kienet se timxi miegħu
- 74 Din il-ġurisprudenza relatata mal-approvazzjoni taċita hija bbażata fuq il-premessa li l-impriża kkonċernata tkun ipparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehim ta' natura antikompetittiva jew ta' natura manifestament antikompetittiva (ara s-sentenza Coats Holdings u Coats vs Il-Kummissjoni, punt 35 iktar 'il fuq, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata), u, kif diġà ġie indikat fil-punt 71 iktar 'il fuq, dan huwa l-każ f'din il-kawża.
- 75 F'din il-kawża, ir-rikorrenti ma pprovdew ebda prova li turi li, għalkemm F. kien pparteċipa fil-laqgħa f'isimhom, huwa kien tbiegħed mill-ftehim adottati. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti preċedenti, il-parteċipazzjoni biss ta' F. għal-laqgħa bħala rappreżentant tar-rikorrenti hija biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li huwa esprima, f'isimhom, aċċettazzjoni taċita fir-rigward tal-ftehim adottatif din il-laqgħa.
- 76 Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, min-noti meħuda minn B. matul il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 jirriżulta li l-membri tal-akkordju kienu mhux biss skambjaw informazzjoni sensitiva matul din il-laqgħa, iżda adottaw ukoll ftehim fuq iż-żieda fil-prezzijiet għal klassijiet differenti ta' ħġieġ ċatt għal pajjiżi differenti taż-ŻEE differenti u li F., f'isem ir-rikorrenti, esprima l-aċċettazzjoni taċita tiegħu fir-rigward ta' dan il-ftehim.
- 77 Ir-rikorrenti jsostnu, madankollu, li l-"iskema ta' żieda fil-prezz" imsemmija fin-noti ta' B. ma tindikax il-konklużjoni ta' ftehim globali li tirrigwarda ż-żidiet futuri fil-prezzijiet. Għandu jiġi indikat li l-"iskema ta' żieda fil-prezz" tinsab fin-noti ta' B. miktuba wara l-ikla, fuq il-karta bl-intestatura tal-lukanda N. Kif ġie indikat fil-punt 68 iktar 'il fuq, dawn in-noti ġew miktuba għall-użu personali tiegħu. F'dan il-kuntest, l-"iskema ta' żieda fil-prezz" tikkostitwixxi biss l-intestatura li taħtha tinsab tabella li tiġbor fil-qosor il-ftehim differenti dwar il-prezzijiet għas-sena li ġejja msemmi fil-punt 72 iktar 'il fuq, u l-kummenti relatati ma' dan ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala l-interpretazzjoni

magħmula minn B. tar-rwol potenzjali tar-rikorrenti fl-akkordju, lanqas bħala s-sommarju ta' diskussjoni bilaterali bejn B. u H. wara l-ikla. Għaldaqstant, dan l-argument relatat mal-“iskema ta' żieda fil-prezz” ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkontestat il-fatt li ftehim ta' żidiet fil-prezzijiet ġie adottat waqt l-imsemmija laqgħa.

- 78 Ir-rikorrenti jiddikjaraw wkoll li l-frazzjiet li jgħidu li “[L]-osservazzjonijiet ġenerali dwar l-aġir ta' Guardian kienu sostnuti minn oħrajn” u li “[i]l-prezzijiet fis-swieq kollha huma mhedda”, li huma preċedenmti għall-i-“skema ta' żieda fil-prezz”, itennu kummenti ta' B. ta' H., impjegat ta' Saint-Gobain, u/jew ta' D., impjegat ta' Glaverbel, li juru li dawn ma tbiegħdux mill-istrateġija aggressiva tagħhom. Din id-dikjarazzjoni ma tistax tikkontesta l-konklużjoni preċedenti. Fil-fatt, dawn il-frazzjiet, li huma fil-kuntest ta' sommarju magħmul minn B., għal finijiet personali, ta' kwistjonijiet trattati matul il-laqgħa tal-jum ta' qabel (ara l-punti 68 u 77 iktar 'il fuq), ma jirriflettux teħid ta' distanza tar-rikorrenti fir-rigward tal-ftehim. Minn naħa, il-frażi li tgħid li “l-prezzijiet fis-swieq kollha huma mhedda” hija dikjarazzjoni tas-sitwazzjoni eżistenti fil-mument tal-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 (ara, pereżempju, il-minuti tal-laqgħa li juru, fir-rigward tar-Renju Unit: “il-prezzijiet fir-RU huma kkunsidrati baxxi” ; fir-rigward ta' Franza: “Il-prezzijiet huma kważi l-iktar baxxi fl-Ewropa bħalissa”; fir-rigward tal-Ġermanja “DE. Il-prezzijiet għandhom ikunu stabbilizzati immedjatament fil-livelli attwali [...]”, fir-rigward ta' Spanja , li l-prezzijiet: “niżlin mingħajr kontroll minn xahrejn ilu”, kif ukoll, fir-rigward tal-ewwel mill-ftehim ġenerali adottat , li huwa previst lil-“[i]ffriżar ta' prezzijiet fl-Ewropa kollha fix-xhur li ġejjin”). Min-naħa l-oħra, huma msemmi li “l-osservazzjonijiet ġenerali li jirrigwardaw l-aġir ta' Guardian kienu sostnuti mill-oħrajn”, u dan jikkostitwixxi kritika tal-aġir tar-rikorrenti qabel l-imsemmija laqgħa, li, sa dik id-data, ma kinitx dik mistennija [ara, b'mod partikolari, il-minuti tal-laqgħa li juru li, fir-rigwarda tal-Istati Baltiċi: “[g]ħalkemm kien hemm qbil li jiżiedu l-prezzijiet (G + P għamli dan) G ma għamlitx dan u, barra minn hekk, il-prezzijiet sa issa huma fl-istess livell (Ø [=medju] 260)”].
- 79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti (ara l-punt 32 iktar 'il fuq), il-kuntatti li seħħew bejn dawn u t-tliet membri l-oħra tal-akkordju ma humiex parti mill-“fażi tat-testjar”, iżda jikkostitwixxu parteċipazzjoni reali fl-akkordju. Fil-fatt, ġie stabbilit li r-rikorrenti, irrappreżentati minn F., issieħbu fl-akkordju matul il-laqgħa tal-20 ta' April 2004, li huma rċevew telefonata fil-15 ta' Ġunju 2004 u li huma organizzaw ikla fit-2 ta' Diċembru 2004, u li d-diskussjonijiet li saru matul dawn it-tliet avvenimenti kellhom għan antikompetittiv. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ammettew il-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005, li wkoll kellha għan antikompetittiv. Peress li l-eżistenza tal-laqgħat tal-20 ta' April u tat-2 ta' Diċembru 2004 u l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fihom ġie stabbilit min-noti meħuda minn B. waqt dawn l-imsemmija laqgħat, li l-valur probatorju tagħhom ma kinitx effettivament ikkontestata mir-rikorrenti (ara l-punti 39, 40, 69 u 70 iktar 'il fuq), l-ispjegazzjonijiet ipprovduti minnhom f'dan ir-rigward ma jistgħux jikkontestaw il-parteċipazzjoni tagħhom fl-akkordju mill-20 ta' April 2004.
- 80 Għaldaqstant, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni gústament ikkunsidrat li r-rikorrenti kienu pparteċipaw fl-akkordju mill-20 ta' April 2004.
- 81 Għaldaqstant l-ewwel parti ta' dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tad-dimensjoni ġeografika tal-ftehim

- 82 Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ksur ġie estiż għaż-ŻEE kollha, peress li awturi tiegħu kienu jbiegħu l-prodotti inkwistjoni għall-inqas fiż-ŻEE u li s-sehem kombinat tagħhom ta' bejgħ jammonta għal mill-inqas 80 %, li huma fornew lill-klijenti tagħhom fiż-ŻEE mill-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom u mill-imħażen li jinsabu f'dan it-territorju kollu, u li l-għan tal-akkordju kien fuq skala Ewropea. Hija

enfasizzat f'dan ir-rigward li, għalkemm id-diskussjonijiet kienu differenti skont il-pajjiż taż-ŻEE inkwistjoni, dawn kollha kellhom l-istess għan antikompetittiv (premessi 368-371 tad-deċiżjoni kkontestata).

- 83 Ir-rikorrenti jikkontestaw din il-konklużjoni tal-Kummissjoni billi jiddikjaraw, minn naħa, li l-pajjiżi msemmija matul il-laqgħat tal-20 ta' April, il-15 ta' Ġunju u t-2 ta' Diċembru 2004 ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-estensjoni ġeografika tal-ftehim minħabba li dawn il-laqgħat ma kellhomx għan antikompetittiv u, min-naħa l-oħra, li l-ftehim dwar il-prezzijiet konklużi matul il-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005 kienu jikkonċernaw biss il-Ġermanja, Spanja, l-Awstrija, il-Portugall u l-Benelux u li dawk li għamlu limitu dwar it-tnaqqis u l-iskontijiet jikkonċernaw biss il-Ġermanja, l-Awstrija u l-Isvizzera.
- 84 Madankollu għandu jifakkar li mill-punti 59, 65 u 79 iktar 'il fuq jirriżulta li l-laqgħat tal-20 ta' April u tat-2 ta' Diċembru 2004 kif ukoll it-telefonata tal-15 ta' Ġunju 2004 kellhom għan antikompetittiv. Għaldaqstant, il-pajjiżi msemmija matul dawn il-laqgħat u dawk li l-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005 tirrigwardhom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita d-dimensjoni ġeografika tal-akkordju.
- 85 Ir-rikorrenti jsostnu li l-provi mressqa mill-Kummissjoni sabiex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ftehim li jkopri ż-ŻEE kollha huma insuffiċjenti.
- 86 F'dan il-każ, il-Kummissjoni bbażat id-dikjarazzjoni li skontha l-ftehim tal-akkordju kien mifrux għaż-ŻEE fuq tliet elementi. Dawn huwa, fl-ewwel lok, il-minuti tal-laqgħat differenti tal-akkordju kif ukoll elementi relatati mal-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004. Issa, minn dawn id-dokumenti jirriżulta li l-ftehim differenti kienu jikkonċernaw bosta pajjiżi Ewropej, jiġifieri l-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit u l-Isvizzera. B'mod iktar partikolari mill-minuti tal-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 jirriżulta li l-parteċipanti kienu ddeċidew li jiffriżaw il-prezzijiet fl-Ewropa kollha (premissa 370 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 87 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-organizzazzjoni tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni tal-ħġieġ ċatt ta' kull parteċipant fl-akkordju. Fil-fatt, dawn kienu organizzati fiż-ŻEE kollha, sabiex il-produzzjoni ta' impjant li jinsab f'pajjiż tiġi ddistribwita f'diversi pajjiżi fil-viċin (premessi 55 u 369 tad-deċiżjoni kkontestata). Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mir-rikorrenti nfushom, F. li indikat li kull impjant kellu s-suq tiegħu, iddeterminat ġeneralment fraġġ ta' 300 sa 400 kilometru. L-organizzazzjoni ġeografika tan-netwerk ta' impjanti ta' kull membru tal-akkordju b'hekk tippermettilhom li jkopru t-talbiet ta' ħġieġ ċatt fiż-ŻEE kollha.
- 88 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-orijini tal-parteċipanti fil-laqgħat tal-akkordju, li kienu rappreżentanti kummerċjali fil-livell Ewropej tal-membri tal-akkordju kif ukoll ir-rappreżentanti tagħhom l-iktar importanti tagħhom fi ħdan il-kumitat "Marketing u Komunikazzjoni" (Marcomm) tal-GEPVP, li ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti (premessi 369 u 370 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 89 Il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni ġeografika tal-ftehim huwa kkonfermat bi provi oħra. L-ewwel nett hemm id-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel, li skonthom, minn naħa, Saint-Gobain, Pilkington u hija stess ipparteċipaw fl-aqgħat bilaterali u multilaterali intiżi li tiġi limitata l-kompetizzjoni fis-suq Ewropew tal-ħġieġ ċatt, li, skont Saint-Gobain, kienet ikkaratterizzata minn tnaqqis kostanti fil-prezzijiet. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ġew informati bil-ftehim eżistenti adottati mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju f'Marzu 2004 u kienu pparteċipaw fil-laqgħat minn din id-data (premessi 80 u 81 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, id-dikjarazzjonijiet ta' Glaverbel f'dan ir-rigward ma jikkonċernawx biss akkordju tripartitiku li huma ma humiex parti minnu. It-tieni nett hemm ilment indirizzat lill-Kummissjoni mill-GEPVP, li l-membri tal-akkordju jagħmlu parti minnu, u relatat ma' proġett ta' għajjnuna

mill-Istat, li fih huwa indikat li “is-suq tal-ħġieġ ċatt huwa suq panEwropew li għandu sehem sinjifikattiv ta’ kummerċ interstatali” (premissa 54 tad-deċiżjoni kkontestata). It-tielet nett hemm il-minuti u n-noti miktuba minn B. l-għada tal-laqgħa tat-2 ta’ Diċembru 2004 u l-minuti tal-laqgħa tal-11 ta’ Frar 2005, li juru li l-parteċipanti fl-akkordju iddiskutew il-pajjiżi Ewropej li ma humiex imsemmija fil-punt 86 iktar ’il fuq, inklużi l-Bulgarija, Ċipru, ir-Rumanija u l-pajjiżi Skandinavi.

- 90 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq il-ġurisprudenza li skontha huma l-kumpanniji kkonċernati li jiddeterminaw id-dimensjoni ġeografika tas-suq, li jista’ jkun kemm ikbar, jew iżgħar mis-suq ġeografiku rilevanti, sa fejn dan huwa relatat mal-kwistjoni tal-ħtieġa li jiġi ddefinit is-suq ġeografikament rilevanti sabiex jiġi applikat l-Artikolu 81 KE, kwistjoni li ma tqumx f’din il-kawża. Fil-fatt, skont din il-ġurisprudenza, l-obbligu li jsir delineazzjoni tas-suq f’diċiżjoni adottata skont l-Artikolu 81 huma impost fuq il-Kummissjoni biss meta, mingħajr tali delineazzjoni, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk il-ftehim inkwistjoni jistax jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri u għandu bħala għan jew riżultat il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta’ Lulju 2000, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, T-62/98, Ġabra p. II-2707, punt 230, tat-8 ta’ Lulju 2004, Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni, T-44/00, Ġabra p. II-2223, punt 132, u tal-25 ta’ Ottubru 2005, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, T-38/02, Ġabra p. II-4407, punt 99). Fil-prinċipju, jekk l-għan stess tal-ftehim huwa li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, ma huwiex meħtieġ li jiġu definiti s-swieq ġeografiċi rilevanti b’mod preċiż, kull meta l-kompetizzjoni attwali jew potenzjali fl-oqsma kkonċernati neċessarjament kienet ristretta, kemm jekk dawn it-territorji huma swieq fis-sens strett jew le (sentenza Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar ’il fuq, punt 132; ara wkoll, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta’ Mejju 1998, Enso Española vs Il-Kummissjoni, T-348/94, Ġabra p. II-1875, punt 232, u tat-18 ta’ Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, Ġabra p. II-2917, punt 99). Sabiex tiddetermina l-portata ġeografika tal-ksur, li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur, huma biżżejjed li l-Kummissjoni tevalwa kemm hi mifruxa ż-żona ġeografika tas-suq jew tas-swieq ikkonċernati, mingħajr ma hija obbligata li tiddefinixxi preċiżament is-swieq inkwistjoni (Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, punt 99).
- 91 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi rrilevat li l-indizji kollha ppreżentati mill-Kummissjoni, li jew ma humiex ikkontestati mir-rikorrenti, jew li huma kkonfermati minn provi oħra, jippermetti li jstabbilixxi li ż-żona ġeografika kkonċernata mill-akkordju hija mifruxa għat-territorju kollu taż-ŻEE. Huwa għaldaqstant ġustament li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-portata tal-ksur hija mifruxa għat-territorju kollu taż-ŻEE.
- 92 Hemm lok, għaldaqstant, li t-tieni parti ta’ dan il-motiv għandha tiġi miċħuda, u b’hekk dan il-motiv jiġi miċħud kollu kemm hu.
- 93 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-talbiet għal annullament tar-rikors għandhom jiġu miċħuda.

Fuq it-talbiet għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa

- 94 Insostenn tat-talbiet tagħhom għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa, ir-rikorrenti jqajmu tliet motivi. Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħhom, huma jitolbu lill-Qorti Ġenerali sabiex tnaqqas l-ammont tal-multa tagħhom bħala riżultat tal-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta’ motivazzjoni dwar il-kalkolu tal-multa, u t-tielet, fuq żball ta’ evalwazzjoni fir-rigward tar-rwol limitat ħafna u passiv li huma kellhom fil-ksur u l-ksur tal-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni.

Fuq il-motiv ibbażat fuq in-neċessità ta' tnaqqis tal-multa minħabba l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata

- 95 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ammont tal-multa tagħhom għandu jitnaqqas sabiex jirrifletti l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata. B'hekk huma jikkunsidraw li l-multa għandha tiġi kkalkulata biss fuq il-bażi tal-bejgħ tal-2004 b'konnessjoni mal-pajjiżi taż-ŻEE fejn il-ksur ma huwiex ikkontestat, li l-ammont tagħhom jitla' għal EUR 241.6 miljun. Barra minn hekk, huma jqisu li l-multa għandha tikkunsidra t-tul eċċezzjonalment qasir tal-parteeċipazzjoni tagħhom fl-akkordju, limitata għal laqgħa waħda u, l-iktar, għal tnaqqis il jum.
- 96 Mill-punti 79 u 91 ta' iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni għustament ikkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata li, minn naħa, ir-rikorrenti kienu pparteċipaw fl-akkordju bejn l-20 ta' April 2004 u t-22 ta' Frar 2005 u, min-naħa l-oħra, li l-ksur għie mifrux għat-territorju kollu taż-ŻEE.
- 97 Għaldaqstant ma hemmx lok li jintaqqas l-ammont tal-multa fir-rigward tat-tul jew tad-dimensjoni ġeografika tal-ftehim u għaldaqstant dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-motiv li jirriżulta mill-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni dwar il-kalkolu tal-multa

- 98 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-Kummissjoni kisret, minn naħa, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni meta eskudiet mill-kalkolu tal-multi t-tliet membri l-oħra tal-akkordju l-valur tal-“captive sales”, jiġifieri l-bejgħ intern għall-gruppi, u min-naħa l-oħra, l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni relatat ma' dawn il-kalkoli.
- 99 Ir-rikorrenti jenfasizzaw b'hekk li, fin-nuqqas ta' motivazzjoni relatata mal-kalkolu tal-multa tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju u fid-dawl tan-natura kunfidenzjali tad-data użata, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat in-natura u l-valur rispettiv tal-“captive sales” għal kull parteċipant fl-akkordju. Huma jsostnu għaldaqstant li hija l-Qorti Ġenerali li għandha tikkompensa għall-esklużjoni tal-imsemmi bejgħ billi jitnaqqas l-ammont tal-multa li għet imposta fuqhom proporzjonalment għall-esklużjonijiet mis-suq tal-ħġieġ ċatt. Din is-soluzzjoni tkun kompatibbli mal-linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006 C 210, p. 2, “Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi”) sa fejn hija tippermetti li jiġi riflessa b'mod adegwat il-piż relattiv tal-impriża fis-suq rilevanti u li kien diġà għie adottat mill-Qorti Ġenerali.
- 100 Ir-rikorrenti jippreċiżaw li l-Kummissjoni eskudiet EUR biljun ta' “captive sales” fuq volum totali ta' suq ta' EUR 2.7 biljun. Din il-figura li tirriżulta mit-tnaqqis tal-ammont totali ta' bejgħ ta' ħġieġ ċatt ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri EUR 1.7 biljun (premissa 41 tad-deċiżjoni kkontestata), fl-ammont totali kunsidrat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jiġifieri EUR 2.7 biljun (premissa 41 tad-deċiżjoni kkontestata), u jirrappreżentaw 37 % tal-volum totali ta' valur tas-suq ta' EUR 2.7 biljun.
- 101 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.
- 102 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tiddependi fuq in-natura tal-att inkwistjoni u fuq il-kuntest li fih għie adottat. Il-motivazzjoni għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni awtriċi tal-att, b'mod, minn naħa, li l-qorti tal-Unjoni Ewropea tkun tista' teżerċità l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, u min-naħa l-oħra, li l-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda sabiex ikunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jivverifikaw jekk id-deċiżjoni hijiex fondata jew le, punt 278).
- 103 Ma huwiex rikjest li l-motivazzjoni tispeċifika kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 253 KE għandha tiġi evalwata mhux biss fir-rigward ta' kliemha, iżda wkoll fir-rigward tal-kuntest tagħha kif ukoll fir-rigward

tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, *Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France*, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63, u tad-29 ta' Settembru 2011, *Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni*, C-521/09 P, Ġabra p. I-8947, punt 150).

- 104 F'din il-kawża, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ftehim antikompetittivi jirrigwardaw il-bejgħ ta' ħġieġ ċatt lil klijenti indipendenti (premissa 377 tad-deċiżjoni kkontestata) u għaldaqstant dan il-bejgħ sabiex jiġi kkalkulat l-ammont bażiku tal-multi (premissa 41, tabella Nru 1, u premissa 470 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni, għaldaqstant, eskudiet mill-kalkolu tal-multa l-bejgħ ta' ħġieġ ċatt iddestinat li jiġi ttrasformat minn qsim tal-impriża jew minn kumpannija tal-istess grupp. Peress li l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv ma ġietx stabbilita għall-bejgħ lil klijenti indipendenti, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li eskudiet mill-kalkolu tal-multa l-bejgħ intern tal-membri tal-akkordju vertikament integrati. Barra minn hekk, ma jistax isir ilment lill-Kummissjoni ma mmotivatx l-esklużjoni tal-imsemmi bejgħ mill-kalkolu tal-multa.
- 105 Barra minn hekk, kif sostniet il-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li l-membri tal-akkordju vertikament integrati li jipprovdu l-prodotti kkonċernati lid-diviżjonijiet tal-istess impiża jew lil kumpanniji li jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impiżi jkunu bbenefikaw indirettament miż-żieda fil-prezz miftiehma lanqas li ż-żieda tal-prezzijiet fis-suq upstream tiġi tradotta f'vantaġġ kompetittiv fis-suq downstream għall-ipproċessar ta' ħġieġ ċatt.
- 106 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li skontu l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi teskludi l-bejgħ intern mill-kalkolu tal-multa, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 1998, *BPB Eendracht vs Il-Kummissjoni*, T-311/94, Ġabra p. II-1129, punt 309 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'din il-kawża, sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat li l-arranġamenti antikompetittivi koprew biss il-prezz ta' ħġieġ ċatt mitlub lill-klijenti indipendenti, l-esklużjoni tal-bejgħ intern mill-kalkolu tal-ammont tal-multa fil-każ ta' membri tal-akkordju vertikament integrati wassalha biss sabiex tittratta sitwazzjonijiet oġġettivament differenti b'mod differenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- 107 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq il-motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-rwol limitat u passiv ħafna li kellha r-rikorrenti fil-ksur u l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

- 108 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-rwol passiv u limitat ħafna li huma kellhom fil-ksur mqabbel ma' dak tat-tliet membri l-oħra tal-akkordju, li pparteċipaw fih għal iktar minn 20 sena. Il-parteeċipazzjoni tagħhom hija limitata biss għal laqgħa waħda, li ma kinitx sigrieta, u l-ftehim li ġie adottat jikkonċernaw biss ċerti pajjiżi u qatt ma twettaq. Bl-istess mod, in-noti ta' B. relatati mal-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005 ma jippermettux li jiġi stabbilit li F. tat il-kunsens tagħha sabiex tipparteċipa fi jew li tmexxi żieda fil-prezzijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rwol passiv fl-akkordju mir-rikorrenti sabiex tiddetermina l-multa.
- 109 Skont il-ġurisprudenza, meta jitwettaq ksur minn diversi impiżi, ikun hemm lok, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont bażiku tal-multi, li tiġi eżaminata l-gravità tal-parteeċipazzjoni ta' kull waħda minnhom (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 1975, *Suiker Unie et vs Il-Kummissjoni*, 40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punt 623, u *Aalborg Portland et vs Il-Kummissjoni*, punt 48 iktar 'il fuq, punt 92; sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010, *Trioplast Industrier vs Il-Kummissjoni*, T-40/06, Ġabra p. II-4893, punt 105), u dan jimplika, b'mod partikolari, li jiġu stabbiliti r-rwoli tagħhom rispettivi fil-ksur matul

it-tul tal-parteciċipazzjoni tagħhom fih (sentenza Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, punt 32 iktar 'il quddiem, punt 150, u sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 1991, Enichem Anic vs Il-Kummissjoni, T-6/89, Ġabra p. II-1623, punt 264).

- 110 Skont it-tielet inċiż tal-punt 29 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi, ir-rwol passiv ta' impriża fit-twettiq tal-ksur b'hekk jikkostitwixxi ċirkustanza attenwanti. Huma jippreċiżaw li din iċ-ċirkustanza tapplika biss "meta l-impriża kkonċernata tipproduċi l-prova li l-parteciċipazzjoni tagħha fil-ksur hija sostanzjalment limitata u għaldaqstant turi li, matul il-perijodu li fih hija aderiet mal-ftehim ta' ksur, hija effettivament astjeniet ruħha milli timplementahom billi aġir kompetittiva fis-suq". Barra minn hekk, Skont l-imsemmi paragrafu 29, "is-sempliċi fatt li impriża pparteċipat fi ksur għal tul iqsar mill-oħrajn ma jiġix ikkunsidrat bħala ċirkustanza attenwanti, peress li din iċ-ċirkustanza hija diġà riflessa fl-ammont bażi".
- 111 Skont il-ġurisprudenza, fost l-elementi tali li jistgħu jiżvelaw ir-rwol passiv ta' impriża fi ħdan akkordju, tista' tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura sostanzjalment iktar sporadika tal-parteciċipazzjoni tagħha fil-laqgħat meta mqabbla ma' dik tal-membri ordinarji tal-akkordju, kif ukoll id-dħul tardiv tagħha fis-suq li kien is-suġġett tal-ksur, indipendentement mit-tul tal-parteciċipazzjoni tagħha f'dan il-ksur, jew ukoll l-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet espressi f'dan is-sens magħmula minn rappreżentanti ta' impriżi terzi li jkunu pparteċipaw fil-ksur (sentenzi tal-Qorti Ġenerali BPB de Eendracht vs Il-Kummissjoni, punt 106 iktar 'il fuq, punt 343, u tad-9 ta' Lulju 2003, Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, T-220/00, Ġabra p. II-2473, punt 168). F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanzi li fihom kumpannija kienet il-membru l-inqas assidwu fil-laqgħat tal-akkordju jew irċeviet biss informazzjoni kkomunikata unilateralmment minn kompetitur, mingħajr ma wriet ebda riżerva jew oppożizzjoni, ma għandhom ebda rwol fl-istabbiliment tar-rwol passiv ta' din il-kumpannija f'akkordju (sentenza Ciments, punt 45 iktar 'il fuq, punt 1849).
- 112 F'din il-kawża, qabel kollox, mill-punt 79 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti pparteċipaw fl-akkordju mill-20 ta' April 2004. B'hekk hemm lok li jiġi rrilevat li, waqt il-laqgħa tal-20 ta' April 2004 u l-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004, ir-rikorrenti infurmaw lill-kompetituri tagħhom bl-aġir futur tagħhom fis-suq u rċevut mingħand Pilkington, mingħajr ma werew l-ebda oppożizzjoni, informazzjoni dwar il-ftehim dwar iż-żidiet fil-prezzijiet proposti mit-tliet membri l-oħra tal-akkordju. Ir-rikorrenti attendew għal-laqgħat tal-akkordju tat-2 ta' Diċembru 2004 u tal-11 ta' Frar 2005, mingħajr ma espliċitament żammew 'il bogħod minn diskussjonijiet antikompetittivi li saru waqt dawn il-laqgħat. Sussegwentement, mill-punt 79 iktar 'il fuq u mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li r-rikorrenti kienu organizzaw il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 (premissa 502 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-aħħar nett, mill-punti 70 u 72 iktar 'il fuq u mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, waqt il-laqgħat tat-2 ta' Diċembru 2004 u tal-11 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti aċċettaw li jintroduċu żidiet fil-prezzijiet f'reġjuni differenti u li huma pparteċipaw fi skambju ta' informazzjoni sensitiva (premissa 502 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, l-aġir tagħhom fl-akkordju ma jistax ikun ikkwalfikat bħala passiv.
- 113 Il-fatt li r-rikorrenti ma implementawx xi parti mill-ftehim adottat fil-laqgħat preċedenti tat-2 ta' Diċembru 2004 u waqt il-laqgħa tal-11 ta' Frar 2005 ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li dan kellu aġir antikompetittiv fis-suq. Fil-fatt, l-iskambju ta' informazzjoni sensitiva li seħħ waqt il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004 u l-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004 tippermetti li jiġi konkluż il-kuntrarju. B'hekk, anki jekk, inizjalment, ir-rikorrenti ma osservawx ċerti ftehim rigward iż-żidiet fil-prezzijiet, b'mod partikolari rigward il-pajjiżi Baltiċi, ġie stabbilit li huma implementaw ftehim oħra u kkollaboraw attivament mat-tliet membri l-oħra tal-akkordju, b'mod partikolari billi pprovdewlhom informazzjoni essenzjali għall-adozzjoni u għall-implementazzjoni ta' ftehim dwar il-prezzijiet (ara l-punti 57, 59, 63, u 65 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, il-fatt li l-ftehim adottat fil-laqgħa tal-11 Frar 2005 ma ġiex implementat ma jistax jiġi spjegat bħala riżultat ta' aġir kompetittiv segwit mir-rikorrenti, iżda iktar probabbilmment minħabba l-bidu tal-ispezzjonijiet li saru mill-Kummissjoni (ara l-premissa 296 tad-deċiżjoni kkontestata).

- 114 Barra minn hekk, fir-rigward tal-kalkolu tal-multi imposti fuq it-tliet membri l-oħra tal-akkordju, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni d-diversi okkażjonijiet ta' reċidiva tal-aġir tagħhom u li ma żiditx il-multi tagħhom sabiex tiżgura n-natura dissważiva tagħhom, filwaqt li d-dħul mill-bejgħ ta' xi wħud minnhom kien ferm oġhla minn tagħhom. Għaldaqstant, meta ttrattat sitwazzjonijiet differenti bl-istess mod, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
- 115 Qabel kollox għandu jifakkar li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fid-determinazzjoni tal-multi (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2000, *Mo och Domsjö vs Il-Kummissjoni*, C-283/98 P, Ġabra p. I-9855, punt 47 ; sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2006, *Westfalen Gassen Nederland vs Il-Kummissjoni*, T-303/02, Ġabra p. II-4567, punt 151, u *Trioplast Industrier vs Il-Kummissjoni*, punt 109 iktar 'il fuq, punt 141).
- 116 Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punt 106 iktar 'il fuq, hemm ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni meta l-istess regola hija applikata għal sitwazzjonijiet differenti. Għandu jiġi ppreċiżat li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni ma applikatx fir-rigward tar-rikorrenti la ċ-ċirkustanza aggravanti li tikkostitwixxi r-reċidiva u lanqas koeffiċjent multiplikatur bħala effett dissważiv tal-multa.
- 117 Fir-rigward tan-natura dissważiva tal-multa, hemm lok li jifakkar li dan jikkostitwixxi wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-ammont tal-multa. Fil-fatt hija ġurisprudenza stabbilita (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1983, *Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni*, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punti 105 u 106) li l-multi imposti minħabba ksur tal-Artikolu 81 KE u previsti fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 huma intiżi sabiex jissanzjonaw l-atti illegali tal-impriżi kkonċernati kif ukoll sabiex jiddiswadu kemm l-impriżi inkwistjoni kif ukoll l-operaturi ekonomiċi oħrajn milli jiksru, fil-futur, ir-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea. B'hekk, meta l-Kummissjoni tikkalkola l-ammont tal-multa, hija tista' tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, id-daqs u s-saħħa ekonomika tal-impriża kkonċernata (sentenza *Musique Diffusion française et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 119 sa 121). Madankollu, il-Kummissjoni ma hijiex obligata, waqt id-determinazzjoni tal-ammont tal-multi skont il-gravità u t-tul tal-ksur inkwistjoni, li tiżgura, fil-każ li l-multi jiġu imposti fuq numru ta' impriżi involuti fl-istess ksur, li l-ammonti finali tal-multi stabbiliti abbażi tal-kalkolu tagħha għall-impriżi kkonċernati jirriflettu kull distinzjoni bejniethom fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom jew id-dħul mill-bejgħ rilevanti tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, *Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni*, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 312).
- 118 Issa, f'din il-kawża, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li koeffiċjent multiplikatur tal-effett dissważiv tal-multa ġie applikat għal *Saint-Gobain* fil-kalkolu tal-multa tagħha, minħabba "l-preżenza ikbar tagħha fis-settur tal-ħġieġ" u d-"dħul mill-bejgħ tagħha" [li], f'termini assoluti, huwa ħafna ikbar minn dawk tal-oħrajn"(premessa 519).
- 119 Fir-rigward tal-impriżi l-oħrajn li pparteċipaw fl-akkordju, għandu jiġi kkonstatat li ebda koeffiċjent ta' korrezzjoni ma ġie applikat. Madankollu r-rikorrenti ddikjaraw biss li d-dħul mill-bejgħ ta' *Glaverbel* kien tliet darbiet oġhla minn tagħhom, mingħajr ma jissema dak ta' *Pilkington*. Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 iktar 'il fuq, dan il-fatt waħdu, jekk jiġi stabbilit, ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet obligata li tagħmel l-applikazzjoni ta' koeffiċjent multiplikatur sabiex ikun hemm l-effett dissważiv tal-multa.
- 120 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn is-sitwazzjonijiet tal-impriżi li pparteċipaw fl-akkordju billi stabbiliet il-koeffiċjent korrettur multiplikatur eventwali intiż sabiex jiżgura l-effett dissważiv tal-multi.

- 121 Fir-rigward tal-argument relatat man-nuqqas ta' żieda fil-multa imposta fuq Saint-Gobain u Glaverbel għal reċidiva, u b'mod partikolari, tat-terminu massimu li lil hinn minnu r-reċidiva ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, hemm lok li jiġi enfasizzat li la r-Regolament Nru 1/2003 u lanqas il-linji gwida għall-kalkolu tal-multi ma jipprovdu tali terminu u li n-nuqqas ta' tali terminu ma jiksirx il-prinċipju ta' ċertezza legali (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ġunju 2010, Lafarge vs Il-Kummissjoni, C-413/08 P, Ġabra p. I-5361, punti 66 u 67).
- 122 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' proporzjonalità jirrikjedi li ż-żmien li jgħaddi bejn il-ksur inkwistjoni u l-ksur preċedenti tar-regoli tal-kompetizzjoni jitqies meta tiġi evalwata t-tendenza tal-impriża li tikser dawn ir-regoli. Fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fuq l-atti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-qorti tista' għalhekk tintalab li tivverifika jekk il-Kummissjoni osservatx l-imsemmi prinċipju meta żiedet, minħabba r-reċidiva, il-multa imposta, u, b'mod partikolari, jekk it-tali żieda ġietx imposta b'mod partikolari minħabba ż-żmien li għadda bejn il-ksur inkwistjoni u l-ksur preċedenti tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenza Lafarge vs Il-Kummissjoni, punt 121 iktar 'il fuq, punt 70).
- 123 F'din il-kawża, kif issostni l-Kummissjoni, iktar minn ħmistax-il sena għaddew qabel il-bidu tat-tieni ksur imwettaq minn dawn iż-żewġ impriżi u, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-eżistenza ta' kontinwità bejn l-ewwel u t-tieni ksur ma ġietx stabbilita. Dan il-perijodu ma jistax jikkonferma l-propensità tar-rikorrenti li jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni. Hemm lok għalhekk li jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni billi kkunsidrat li l-perijodu li għadda bejn iż-żewġ ksur kien twil biżżejjed sabiex jeskludi żieda fil-multa imposta fuq Saint-Gobain u fuq Glaverbel għal reċidiva.
- 124 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud, u għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti intiżi għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa.

Fuq l-ammissibbiltà ta' riferimenti magħmula mill-Kummissjoni bħala risposta ta' Pilkington għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet

- 125 Fis-seduta, ir-rikorrenti qajmu eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fuq ir-riferimenti magħmula mill-Kummissjoni fid-difiża tagħha u fit-tweġiba tagħha tat-23 ta' Jannar 2012 għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, għat-tweġiba ta' Pilkington għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, minħabba li huma ma kellhomx aċċess għall-imsemmi dokument waqt il-proċedura amministrattiva u għaldaqstant ma kellhomx għarfien tal-kontenut tagħha. Huma ppreċiżaw li l-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-imsemmija tweġiba bħala dokument inkriminanti mingħajr ma jinkisru d-drittijiet tad-difiża tagħhom.
- 126 Il-Kummissjoni indikat li dawn l-elementi ma kienx fihom elementi inkriminanti kontra r-rikorrenti u ma kinux meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwima.
- 127 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha li r-riferimenti magħmula mill-Kummissjoni bħala risposta ta' Pilkington għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fid-difiża u fit-tweġiba tagħha tat-23 ta' Jannar 2012 għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali ma humiex meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwima mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mir-rikorrenti.

Fuq l-ispejjeż

128 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef għandha tbatl l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress illi r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) **Guardian Industries Corp. u Guardian Europe Sàrl huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Kanninen

Wahl

Soldevila Fragoso

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Settembru 2012 .

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża	1
Proċedura u t-talbiet tal-partijiet	3
Id-dritt	3
Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti dokumenti u ta' riferimenti li saru għal dokumenti	3
Fuq l-ammissibbiltà tal-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Frar 2012	3
Fuq l-ammissibbiltà ta' riferimenti għal dokumenti li ma ġewx prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali	4
Fuq it-talbiet għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata	5
Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tat-tul tal-pareċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur ..	5
– Fuq il-laqgħa tal-20 ta' April 2004	6
– Fuq il-konverżazzjoni telefonika tal-15 ta' Ġunju 2004	12
– Fuq il-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2004	13
Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-evalwazzjoni żbaljata tad-dimensjoni ġeografika tal-ftehim	15
Fuq it-talbiet għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa	17

Fuq il-motiv ibbażat fuq in-neċessitá ta' tnaqqis tal-multa minħabba l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata	7
Fuq il-motiv li jirriżulta mill-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-obbligu ta' motivazzjoni dwar il-kalkolu tal-multa	18
Fuq il-motiv ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni fir-rigward tar-rwol limitat u passiv ħafna li kellha r-rikorrenti fil-ksur u l-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.....	19
Fuq l-ammissibbiltà ta' riferimenti magħmula mill-Kummissjoni bħala risposta ta' Pilkington għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.....	22
Fuq l-ispejjeż	23